MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2015

Numru. 258/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Sultana)**

**vs**

**Goran Milanovic**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Goran Milanovic, ta' 34 sena, iben Milaja u Zorica, imwieled gewwa l-Croatia nhar il-15 ta' Mejju 1980 u residenti

gewwa Panorama Buildings, Flat 31, Triq il-Bajja, San Giljan u detentur ta' Passaport Serb b'numru 007786338.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Marzu 2015 ghall-habtra ta' 16.00hrs, gewwa l-hanut maghruf bhala Zara li jinstab gewwa Triq ix-Xatt Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), 263, 264, u 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat makellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), 263, 264, u 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah xahrejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-ispess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------